# L-IMPATT TAL-UĠIGĦ FUQ IS-SOĊJETA`(SIP) QAFAS TAL-POLITIKA GĦAL SERVIZZI TA' KURA TAL-UĠIGĦ.

L-għan u l-oġġettiv ta' dan id-dokument hu li **Jiġi introdott qafas ta' politika nazzjonali** bl-għan li jiġu indirizzati l-isfidi tal-uġigħ kroniku. Waqt li l-implimentazzjoni ta' dettalji speċifiċi jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor u mis-sistema tas-saħħa, hemm **komponenti** essenzjali li qafas ta' politika komprensiv u ta' kwalita` għolja għal kura tal-uġigħ li trid tinkludi.





*X'inhu l-Uġigħ?*

**L-uġigħ** huwa esperjenza konxja sensorja u emozzjonali spjaċevoli assoċjata ma', jew li tixbah dik assoċjata ma' ħsara attwali jew potenzjali fit-tessuti ta' xi parti mill-ġisem (IASP, 2000).

**Uġigħ akut** huwa wġigħ li jgħaddi fi żmien raġonevolment qasir. Xi wħud iqisu li l-uġigħ akut idum inqas minn 30 jum, filwaqt li oħrajn iqisu li l-uġigħ akut jista' jirreferi għal kwalunkwe uġigħ li jgħaddi fi żmien 3 xhur.

**Uġigħ kroniku** huwa uġigħ li jippersisti jew li huwa rekorrenti għal aktar minn 3 xhur. Madankollu, mhux kulħadd jaqbel ma' din id-definizzjoni.




*X'inhu l-metodu Biopsikosoċjali ?*

Aspett ewlieni biex wieħed jieħu **kontroll tal-uġigħ** huwa l-metodu iċċentrat fuq il-persuna, li jgħaraf l-importanza tal-influwenza bijopsikosoċjali kemm **fil-kawżalità** kif ukoll fil-**immaniġjar** tal-' uġigħ persistenti kroniku. Skont il-mudell bijopsikosoċjali, l-uġigħ jiġirriżulta bħala riżultat ta' għadd ta'interazzjoni kumplessa fost fatturi fosthom dawk bijoloġiċi, psikoloġiċi u soċjali, li jvarjaw minn persuna għal oħra.

# L-IMPATT TAL-UĠIGĦ FUQ IS-SOĊJETA` (SIP) QAFAS TAL-POLITIKA GĦAL SERVIZZI TA' KURA TAL-UĠIGĦ.

## ID-DISA` KOMPONENTI TAL-UĠIGĦ

1. Orjentament fuq il-pazjent u l-kura individwalizzata
2. Immaniġġjar tal-uġigħ b'modi differenti, multidixxiplinarja & Aċċess għal kura
3. Tinġabar dejta
4. Uġigħ bħala kejl tal-kwalita`
5. Riċerka dwar l-Uġigħ
6. L-Uġigħ u x-xogħol
7. Edukazzjoni dwar l-Uġigħ
8. Kollaborazzjoni
9. Jitqajjem l-għarfien